# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 11 ta' Novembru, 2021**

**Kawża Nru. 11**

**Rik. Nru. 282/17JRM**

Charles **SPITERI**

vs

**BORD TAL-*PAROLE*** u l-Avukat Ġenerali, illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-30 ta' Marzu, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur jitlob li din il-Qorti ssib li l-għemil tal-Bord imħarrek li ma jilqagħlux it-talba biex ingħata l-liċenza tal-*parole* bħala null, invalidu u bla effett. Talab ukoll li jingħata rimedju;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' April, 2017[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-25 ta' April, 2017, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li (a) fil-konfront tal-Bord tal-Parole, l-azzjoni hija improponibbli billi r-rimedju tal-attur mhux li jħarrek lill-awtorita` ġudikanti iżda li jressaq kawza in kontradittorju tal-kontro-parti; (b) il-Bord m'għandhux interess ġuridiku billi m'għandu ebda interess fil-finalita` tat-talba attriċi; (ċ) id-deċiżjoni tal-Bord ma tammontax għal egħmil amministrattiv skond l-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (d) l-attur ma jistax jinqeda b'azzjoni bħalma hija din biex iressaq ilment marbut ma' ksur ta' drittijiet fundamentali taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tal-Bniedem; (e) l-azzjoni ma tistax titressaq ukoll billi ma jistgħux jitwaħħdu f'azzjoni waħda kawża ta' lment dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali u kawża dwar stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv; (f) li t-tieni talba attriċi hija wkoll improponibbli billi f'kawża ta' din ix-xorta, il-Qorti ma tistax tintalab tagħti rimedju minflok l-awtorità pubblika li tkun qiegħda tistħarreġ u bit-twettiq ta' setgħat li l-liġi tagħti biss lil dik l-awtorita` hija prekluża milli tagħti rimedju billi hija prekluża milli tieħu deċizjoni flok l-awtorita` kompetenti; u (ġ) l-liġi tagħti lill-attur rimedju biex jattakka l-ilment imressaq minnu f'din il-kawża (li huwa naqas li jinqeda bih) u għalhekk il-Qorti jmissha twarrab it-talba tiegħu biex tistħarreġ id-deċiżjoni li huwa qiegħed jattakka. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet oħrajn fil-mertu;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta' Mejju, 2017[2], li bih ordnat li qabel kull ħaġ'oħra, issir it-trattazzjoni tal-ewwel u tat-tielet eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-imħarrkin u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' provi li l-partijiet jidhrilhom li għandhom iressqu dwarhom;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Ġunju, 2017[3], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet talba magħmula mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tas-26 ta' Mejju, 2017, biex jitħallew iressqu eċċezzjoni ulterjuri;

Rat it-Tweġiba Maħlufa ulterjuri mressqa mill-imħarrkin fil-21 ta' Ġunju, 2017[4], li biha qajmu l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attur sabiex jibqa' jmexxi 'l quddiem l-azzjoni tiegħu;

[1] Paġġ. 6 – 7 tal-proċess
[2] Paġ. 26 tal-proċess
[3] Paġ. 34 tal-proċess
[4] Paġ. 35 tal-proċess

Rat il-verbal tas-smigħ tal-20 ta' Lulju, 2017[5], quddiem l-Assistent Ġudizzjarju li bih il-partijiet intrabtu bi żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub marbuta mal-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-23 ta' Awwissu, 2017[6], dwar l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari mqajmin minnhom;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fit-2 ta' Ottubru, 2017[7], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2017[8], li bih il-Qorti reġgħet għaddiet il-proċess lill-Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi marbuta mal-eċċezzjoni ulterjuri mressqa mill-imħarrkin u tat ordnijiet lill-partijiet dwar kif kellhom jagħmlu t-trattazzjoni dwarha;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fl-4 ta' Diċembru, 2017[9], dwar l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fis-27 ta' Diċembru, 2017[10], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat ix-xhieda mismugħa mill-Assistent Ġudizzjarju;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur, li dakinhar li nfetħet il-kawża kien qiegħed jinżamm fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin b'rabta ma' sentenza li kien ingħata, jilmenta miċ-ċaħda ta' talba li ressaq lill-Bord tal-*Parole* (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Bord") biex jingħata liċenza tal-*Parole*. Huwa jgħid li għalkemm il-Bord mexa mal-liġi, ma ħarisx il-prinċipji tal-ġustizzja naturali għaliex ma tahx smigħ biex iressaq il-każ tiegħu u qata' t-talba

[5] Paġ. 48 tal-proċess
[6] Paġġ. 51 – 5 tal-proċess
[7] Paġġ. 58 sa 72 tal-proċess
[8] Paġ. 73 tal-proċess
[9] Paġġ. 81 – 5 tal-proċess
[10] Paġġ. 89 sa 92 tal-proċess

tiegħu minn wara dahru. Għaldaqstant, b'din l-azzjoni qiegħed jitlob li l-Qorti ssib li d-deċiżjoni li ttieħdet ma tiswiex u biex tagħtih rimedju;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari, kif ukoll oħrajn fil-mertu. Fost l-eċċezzjonijiet preliminari, qanqlu l-kwestjoni jekk tistax titressaq kawża bħal dik tallum kontra l-Bord, billi r-rimedju tal-attur mhux li jħarrek lill-awtorita` ġudikanti iżda li jressaq kawza in kontradittorju tal-kontro-parti; dik li tgħid li d-deċiżjoni tal-Bord ma tistax titqies bħala "egħmil amministrattiv" għall-finijiet tat-tifsira mogħtija lilu fis-sub-artikolu (2) tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u l-eċċezzjoni ulterjuri li jonqos fl-attur l-interess ġuridiku biex iressaq din l-azzjoni billi ma għadux detenut;

Illi s-sentenza ta' llum qiegħda tingħata dwar dawn it-tliet eċċezzjonijiet preliminari;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża s'issa jirriżulta li l-attur tressaq quddiem il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mixli b'reati u li kien reċidiv, instab ħati u weħel piena ta' ħabs li kienet konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Ġunju, 2016. Huwa kellu joħroġ mill-ħabs fil-25 ta' Diċembru, 2017[11];

Illi fis-16 ta' Ġunju, 2016[12], Spiteri ressaq talba għall-għoti ta' liċenza ta' *parole* lill-Bord li, waqt seduta miżmuma minnu fil-5 ta' Ottubru, 2016[13], ċaħadlu t-talba;

Illi l-attur jilmenta li qatt ma ngħata smigħ mill-Bord, ma jafx x'dokumentazzjoni tressqet quddiem il-Bord biex wasal għad-deċiżjoni li ħa u baqa' ma ngħatax ir-raġunijiet għaliex il-Bord ċaħad it-talba tiegħu[14];

Illi l-Bord jgħid li mexa b'mod awtonomu u ma kellux indħil minn ebda awtorita` biex wasal għall-fehma tiegħu dwar it-talba tal-attur. Il-Bord qies id-dokumentazzjoni estensiva li tressqet quddiemu qabel ma wasal għad-deċiżjoni tiegħu[15];

Illi fit-28 ta' Diċembru, 2016[16], l-attur ressaq protest ġudizzjarju kontra l-Bord, il-Prim Ministru, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Avukat Ġenerali, bl-ilment li l-Bord naqas li jħares il-principji tal-ġustizzja naturali meta qies it-talba

[11] Ara x-xhieda ta' Helenio Galea f'paġ. 78 tal-proċess
[12] Dok. "CS1" f'paġ. 4 tal-proċess
[13] Dok. "CS2" f'paġ. 5 tal-proċess
[14] Ara l-affidavit ta' Charles Spiteri f'paġ. 45 tal-proċess
[15] Ara x-xhieda tal-Imħallef emeritu Franco Depasquale fil-kapaċita` tiegħu ta' *Chairman* tal-Bord f'paġġ. 39 -43 tal-proċess
[16] Dok. "CSA1" f'paġġ. 17 - 9 tal-proċess

tiegħu. Bis-saħħa ta' kontro-protest imressaq minnhom fis-6 ta' Frar, 2017[17], il-protestati ċaħdu x-xiljiet tal-attur u saħqu li l-Bord mexa sewwa u kif tagħtih li jagħmel il-liġi;

Illi fit-30 ta' Marzu, 2017, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi l-attur ħareġ mill-faċilita` korrettiva ta' Kordin fl-24 ta' April, 2017, bi tnaqqis taż-żmien ("*remission*") minħabba mġiba tajba kemm dam detenut[18];

Illi jidher xieraq li l-Qorti tagħmel il-kunsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ billi, qabel kull ħaġ'oħra, tibda biex tqis l-eċċezzjoni ulterjuri mressqa mill-imħarrkin li biha jqanqlu n-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attur biex ikompli jmexxi 'l quddiem il-kawża mressqa minnu, ladarba li, matul is-smigħ tagħha, ma baqax aktar jinżamm il-ħabs. Bħala konsiderazzjonijiet ewlenin marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami, tajjeb jingħad li l-interess ġuridiku f'attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha[19]. L-interess meħtieġ fl-attur irid ikun wieħed dirett jew personali, leġittimu, kif ukoll attwali[20]. L-interess irid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew lilu jkun mistħoqq[21];

Illi biex tali interess ikun imħares minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita` u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd[22], b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi[23]. Kien minħabba dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali[24];

Illi ġie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att innifsu li bih tinbeda kawża[25], u għalkemm il-mottiv

[17] Dok. "CSA2" f'paġġ. 20 – 2 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda ta' Helenio Galea f'paġġ. 78 – 9 tal-proċess
[19] App. Kumm **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buhaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**)
[20] Ara P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs Sacco*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.453**)
[21] Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)
[22] Ara App. Ċiv. **13.2.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Manché vs Montebello*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.56**)
[23] P.A. **7.1.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs. Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXVII.ii.605**)
[24] Ara App. Ċiv. **8.6.1942** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis vs Bonello*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.218**)
[25] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs. Caruana*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.232**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija

tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fir-Rikors Maħluf, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat[26];

Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, u jista' jeżisti wkoll fejn jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv[27], imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku[28];

Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawza[29]. Dejjem b'riferenza għall-element tal-attwalità, b'mod partikolari dak l-interess li għandu juri l-attur biex isostni l-kawża, ingħad ukoll li fil-prattika ġudizzjarja wieħed jista' jressaq kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definitiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament[30]. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni miksuba fil-kawża ta' aċċertament tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' ssir 'il quddiem[31];

Illi fil-każ tal-lum, l-attur fetaħ il-kawża b'żewġ għanijiet, jiġifieri biex jitlob it-tħassir tad-deċiżjoni mogħtija mill-Bord fil-konfront tiegħu minħabba n-nuqqasijiet li jgħabbi bihom lill-istess Bord dwar nuqqas ta' tħaris tal-prinċipji ta' ħaqq naturali, u biex jingħata rimedju;

Illi meta l-attur inħeles mill-faċilita` korrettiva ta' Kordin qabel iż-żmien li kienet tgħid is-sentenza li kkundannatu, l-imħarrkin ressqu l-eċċezzjoni taħt eżami dwar in-nuqqas ta' interess fl-attur li l-kawża titkompla. Fi kliem ieħor, l-eċċezzjoni ulterjuri tressqet mhux għaliex l-attur ma kellux interess ġuridiku fil-bidu meta nfetħet il-kawża, iżda għaliex fil-fehma tal-imħarrkin, dan l-interess intemm hekk kif hu ħareġ mill-ħabs. Għalhekk din l-eċċezzjoni tissejjes fuq l-aspett tal-attwalita` tal-interess ġuridiku tal-parti attriċi f'kawża, kif ingħad qabel;

Illi l-imħarrkin jisħqu li ladarba r-rimedju li tista' tagħti l-Qorti kemm-il darba ssib favur l-attur huwa li tħassar id-deċiżjoni tal-Bord u terġa' tibgħatlu l-każ lura quddiemu sabiex jiddeċidih mill-ġdid, l-eżitu ta' dawn il-

[26] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et***
[27] P.A. **13.10.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Axiaq vs Mizzi noe et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.ii.532**)
[28] App. Ċiv. **15.12.1932** fil-kawża fl-ismijiet ***Scolaro vs Bailey*** (Kollez. Vol: **XXVII.ii.195**)
[29] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**)
[30] Ara P.A. **12.3.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Balluċi vs Vella Gera noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.257**); u App. Ċiv. **4.12.1944** fil-kawża fl-ismijiet ***Xuereb vs Petrococchino*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.540**)
[31] Ara P.A. **10.10.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuffrida noe vs Borg Olivier noe et*** (Kollez. Vol: **L.ii.310** u Vol: **LI.i. 130**)

proċeduri ma jista ikun aktar ta' siwi jew vantaġġ għall-attur għaliex huwa llum m'għadux detenut[32];

Illi min-naħa tiegħu, l-attur iwarrab dan l-argument billi jgħid li ż-żmien li fih hu dam il-ħabs għandu valur, m'għandux jintesa jew saħansitra jiġi arkivjat, u kemm-il darba jinstab li kien hemm dannu, għandu jiġi kumpensat għalih. L-interess jibqa' attwali anke jekk dan jirreferi għal dritt futur[33];

Illi l-Qorti, wara li qieset l-argumenti taż-żewġ partijiet, tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni hija tajba u jistħoqqilha tintlaqa'. Dan jingħad għal żewġ raġunijiet ewlenin. L-ewwelnett, jekk kemm-il darba l-Qorti ssib favur l-attur u tilqa' l-ewwel talba attriċi, id-dikjarazzjoni ta' nullita` tad-deċiżjoni tal-Bord fiha nnifisha ma tagħtix jedd awtomatiku lill-attur għall-ħlas tad-danni. L-eżitu tas-sentenza jkun biss li d-deċiżjoni attakkata mill-attur titħassar u l-Bord jintalab mill-ġdid biex iqis il-każ. Imma, li kieku jiġri dan, jirriżulta li ladarba l-attur illum m'għadux detenut, il-Bord xorta waħda ma jistax jieħu deċiżjoni fuq it-talba oriġinali tiegħu. Il-Qorti tqis ukoll li l-attur lanqas għandu jedd awtomatiku li jingħata l-liċenza tal-*parole* għar-raġuni waħidha li ressaq talba għall-għoti tagħha, għaliex mill-qari tal-liġi, hemm għadd ta' fatturi li għandhom jitqiesu mill-Bord qabel ma jasal għad-deċiżjoni li jilqa' talba bħal dik[34] li, kif ingħad, issa lanqas tista' ssir aktar. Fit-tieni lok, wara ċ-ċaħda mill-Bord fil-5 ta' Ottubru, 2016, l-attur kellu kull jedd li jerġa' japplika mal-Bord sabiex jingħata l-istess liċenza[35]. Huwa warrab dan id-dritt u minflok ibbenifika mill-imġiba tajba u saħansitra ħareġ mill-ħabs qabel iż-żmien. Il-Qorti m'għandhiex quddiemha r-raġunijiet li wasslu biex l-attur jieħu dan il-vantaġġ u jinħeles. L-attur naqas li jressaq prova f'dan ir-rigward, prova li setgħet tpoġġi f'perspettiva aħjar l-ilmenti tiegħu u għaldaqstant is-siwi tal-ewwel talba attriċi;

Illi b'żieda ma' dawn il-kunsiderazzjonijiet, lanqas jista' jingħad li din l-azzjoni li l-Qorti għandha quddiemha llum tista' tkun ta' fejda lill-attur biex b'sentenza mogħtija f'din il-kawża jkun jista' jniedi xi proċediment ta' għamla oħra fejn l-ilment tiegħu jkun mistħarreġ. Fil-premessi tar-rikors li bih fetaħ din il-kawża, u kif ukoll fis-sottomissjonijiet imressqin minnu dwar l-eċċezzjonijiet preliminari mertu ta' din is-sentenza, l-attur aċċenna b'mod imtenni għal ksur ta' jeddijiet fundamentali tiegħu biċ-ċaħda mill-Bord tat-talba tiegħu. Din il-Qorti, f'kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva, ma tistax tqis kwestjoni marbuta ma' ksur ta' jeddijiet fundamentali u lanqas ma jista' jingħad li l-attur ma jkunx eżawrixxa r-rimedji ordinarji mogħtijin lilu mil-liġi jekk kemm-il darba jidhirlu li jrid jimxi b'dik it-triq b'kawża quddiem il-Qorti tal-kompetenza xierqa. Għalhekk, tħares minn fejn tħares lejn il-qagħda ta' dan il-

[32] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin f'paġ. 84 tal-proċess
[33] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur f'paġ. 90 – 2 tal-proċess
[34] Ara per eżempju Regolament 6(8) tal-A.L. 65/2012 (L.S. 516.02) Regolamenti dwar il-Bord tal-*Parole*
[35] Regolament 6(6) L.S. 516.02

każ, l-element tal-attwalita` tal-interess tal-attur biex ikompli jmexxi ’l quddiem il-kawża tallum naqas hekk kif inħeles mill-ħabs;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri sejra tintlaqa’. Ladarba l-Qorti sejra tilqa’ l-imsemmija eċċezzjoni, ma jibqa’ l-ebda ħtieġa li tqis iż-żewġ eċċezzjonijiet l-oħrajn ukoll billi l-ilqugħ ta’ dik l-eċċezzjoni jġib it-tmiem tal-proċedura;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi billi:

**Tilqa’ l-eċċezzjoni ulterjuri tal-imħarrkin** billi ssib li hija mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u b’hekk teħles lill-istess imħarrkin mill-ħarsien tal-ġudizzju;

**Tastjeni milli tqis l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari** imressqa mill-imħarrkin; u

**Tordna** li kull parti tħallas **l-ispejjeż** tagħha f’din il-kawża.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**

**Imħallef**

**11 ta’ Novembru, 2021**

**Geraldine Rickard**

**Deputat Reġistratur**